**RAPPORT**

**ISTITUT FORMAZZJONI PASTORALI**

**MEJJU 2008**

L-Istitut Formazjoni Pastorali (IFP) dejjem fittex fuq kollox li johloq qafas u hidma li tesprimi l-vizjoni tas-Sinodu Djocesan.

Ghalhekk twaqqaf *team* li, flimkien mad-Direttur, jahdmu biex jifformulaw il-vizjoni u l-applikazzjoni gradwali taghha.

1. Ghal dawn l-ahhar tlett snin, f'kollaborazzjoni mal-Kunsill tal-CARITAS, saru *seminars* ghall-membri professjonali u dawk impenjati fl-amministrazzjoni fi hdan l-istituzzjonijiet tad-djakonija. Dawn is-*seminars* kellhom l-iskop li jaghtu iktar importanza lill-ispirtu tas-Sinodu u jwasslu dan l-ispirtu lil dawn l-impjegati tant apprezzati fil-kamp tad-djakonija.
2. Tfasslet il-proposta tal-*leadership course* ghal-lajci *leaders* fi hdan il-movimenti u l-ghaqdiet. Din il-proposta li giet milqugha tajjeb hafna, digà giet offruta darbtejn. Il-hsieb huwa li dan l-ewwel stadju jkun komplut b'zewg stadji jew livelli ohra halli tinholoq dejjem iktar l-ideja ta' *on-going formation*.
3. Flimkien mas-Segretarjat Hidma Parrocci, qed ikunu offruti kull sena zewg seminars ghall-membri tal-Kunsilli Pastorali Parrokkjali (KPP). Is-sena l-ohra zidna wkoll l-idea li l-konferenzi li jinghataw jitqassmu f'forma ta' sussidju li fuqu l-KPP jistghu jkomplu r-riflessjoni taghhom matul is-sena.
4. Mas-Segretarjat tal-Kleru u tal-Hajja Konsagrata l-IFP offra tlett *seminars* ghal dawn l-ahhar sentejn li matulhom is-sacerdoti u r-religjuzi jkollhom spazju ta' riflessioni u qsim ta' idejat. Kienet esperjenza li giet meqjusa bhala posittiva minn dawk kollha li attendew ghaliha. It-temi ta' dawn is-*seminars* u tas-*seminars* tal-KPP huma mfassla b'mod li tigi offruta proposta unitarja madwar suggett komuni. Din is-sena huwa dak tad-dixxerniment.
5. Fil-kamp taz-zghazagh u l-adolexxenti offrejna diversi proposti. F'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Djocesana Zghazagh (KDZ) u l-Fakultà tat-Teologija ghat-tieni darba gie offrut il-kors *Certificate in Youth Ministry*. Din is-sena, ghal dawk li ma kellhomx l-opportunità li jsegwu dan il-kors intensiv, f'kollaborazzjoni mal-KDZ u Segretarjat tal-Katekezi gie offrut il-kors *Basic Certificate in Adolescent and Youth Ministry*. Iz-zewg proposti huma ferm apprezzati mill-partecipanti li qed isegwuhom. Il-hsieb huwa li fil-futur l-Fakultà toffri *Masters in Pastoral Ministry* b'attenzjoni ghal *Youth Ministry*. Ma' dan irridu nzidu x-xoghol siewi li qed isir biex tigi formulata mappa ta' formazzjoni fil-kamp tal-*Youth Ministry*. Fix-xhur li gejjin din se tkun ipprezentata lill-Isqfijiet ghall-konsiderazzjoni taghhom. Din il-mappa qed tinhadem f'kollaborazzjoni bejn l-IFP, KDZ u Segretarjat Katekezi.
6. Fil-kamp tal-familja bhalissa qed isiru diskussjonijiet biex noffru korsijiet ta' formazzjoni li jhejju lil dak li jkun ghall-ministeru fil-qasam tal-familja. Fuq linji simili ghall-kamp tal-*youth ministry*, nixtiequ nipprocedu ghall-vizjoni simili fil-kamp tal-*family ministry*. Hawnhekk, il-kollaborazzjoni mal-Fakultà tat-Teologija, mal-Moviment ta' Kana u mal-Kummissjoni Djocesana Familja (KDF) hija pozittiva hafna u nemmnu li se thalli l-frott mixtieq.

7. F'kollaborazzjoni mac-Centru Spiritwalità Injazjana qed isir kors ta' tlett snin dwar id-direzzjoni spiritwali. L-esperjenza tac-CSI f'dan il-qasam u l-kollaborazzjoni ma' l-IFP qed iwasslu ghal proposta bzonnjuza u apprezzata f'dan is-settur.
8. Flimkien mac-Centru Fidi u Gustizzja qed jigi offrut kors ta' sitt *modules* dwar it-taghlim socjali tal-Knisja. Il-format ta' dan il-kors u l-kontenut li fih, qed jaghmluha iktar facli ghal min jixtieq jesplora dan is-settur biex ikun iktar midhla tat-taghlim socjali tal-Knisja. Hija proposta li qed tilhaq persuni li huma mixtieqa li jaghmlu mpatt nisrani serju fil-kamp fejn qed jahdmu.
9. Djalogi fis-Socjetà: esperienza ta' djalogu li qed tkun apprezzata. It-tama hija li din tizviluppa f'esperjenza ta' djalogu u smigh li turi l-identità ta' Knisja pellegrina. Din is-sena d-Djalogi gew organizzati flimkien mal-Kummissjoni Ambjent ta' l-Arcidjocesi. Nemmnu li din il-kollaborazzjoni kienet esperjenza mill-isbah li halliet il-frott. It-tema li giet zviluppata kienet dik ta' l-ambjent (it-tlett djalogi din is sena kellhom bhala temi: 'L-Ambjent u l-Izvilupp'; 'Ir-Responsabbiltà Ambjentali' u 'L-Edukazzjoni Ambjentali'). Gew mistiedna b'mod specjali l-NGOs ambjentali u nholqu kuntatti sbieh bejn membri ta' dawn l-NGOs, u l-PFI u l-Kummissjoni Ambjent. Inkitbu wkoll sensiela ta' tlett artikli dwar l-ambjent fil-gazzetta '*The Times*' u se ssir laqgha bejn il-kelliema li hadu sehem f'dawn id-djalogi u l-Isqfijiet ta' Malta u ta' Ghawdex biex jitkompla l-process ta' djalogu.
10. Fis-sena 2007 l-IFP gie mitlub biex joffri kors ta' formazzjoni lill-membri mexxejja tac-Cenakoli fi hdan il-*Youth Fellowship*. Il-kors, *Certificate in Evangelisation and Catechesis*, qed ikun ferm apprezzat mill-partecipanti u ghall-IFP hija esperienza gdida li permezz taghha qed ikun strument u opportunità ta' formazzjoni fuq firxa dejjem iktar wiesgha.
11. Kien hemm kollaborazzjoni sabiha mal-Fakultà tat-Teologija, kollaborazzjoni li wasslet biex isiru l-korsijiet tal-*Masters in Spirituality* u *Masters in Spiritual Companionship*. Ta' min izid li, fil-*Masters in Spirituality*, sar kuntatt ma' ordnijiet u kongregazzjonijiet differenti biex joffru *streams* specjalizzati ta' spiritwalità. Fil-fatt se tkun offruta l-ispecjalizzazzjoni ta' *Carmelite Spirituality*.

## Konkluzjoni

Nemmnu bis-shih li din kienet u hija esperienza ekklezjali sabiha. Fittixna li nghixu dan l-impenn bhala komunità, b'mumenti ta' talb u riflessjoni fuq il-kelma t'Alla. B'mumenti socjali u familjari li hallejniehom ikunu mumenti ta' ispirazzjoni.

L-imhabba taghna lejn il-Knisja fittixna li nittraducuha f'impenn apostoliku u proposti pastorali li jitwieldu fi djalogu ma' min jesprimi l-bzonn taghhom u fl-istess waqt ihoss li jkun mghejjun u sfidat minnhom.

Dan kollu li ghamilna u offrejna ma' kien qatt ikun possibbli minghajr il-kollaborazzjoni ta' tant persuni li bhalna jhobbu lill-Knisja u bhalna jixtiequ jarawha isbah u ishah.

Nharsu lejn il-gejjieni b'tama qawwija ghax dan kollu huwa xoghol il-Mulej, li assigurana li se jibqa' maghna sa l-ahhar taz-zmien.